32007D0151

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Marzu 2007

li temenda d-Deċiżjonijiet 94/741/KE u 97/622/KE li jikkonċernaw il-kwestjonarji għar-rapporti ta' l-Istati Membri fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart, u l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar skart perikoluż

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 634)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/151/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart ([1]), u partikolarment l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 16 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar l-iskart perikoluż ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/12/KE għandu jitfassal abbażi ta' kwestjonarju stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/741/KE ta' l-24 ta' Ottubru 1994 rigward kwestjonarji għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi fis-settur tal-iskart (implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE) ([3]).

(2) Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 91/689/KEE għandu jitfassal abbażi ta' kwestjonarju stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/622/KE tas-27 ta' Mejju 1997 rigward kwestjonarji għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi fis-settur tal-iskart (implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE) ([4]).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' l-iskart ([5]) jistabbilixxi qafas għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja dwar il-ħolqien, l-irkupru u r-rimi ta' l-iskart.

(4) Analiżi ta' l-obbligi tar-rappurtar dwar dejta dwar l-iskart kif previst fil-leġiżlazzjoni Komunitarja turi li ċerti obbligi ta' rappurtar tad-dejta previsti fid-Deċizjoni 94/741/KE u 97/622/KE huma koperti wkoll mir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 jew mir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-ġarr ta' l-iskart bil-baħar ([6]).

(5) Biex jiġu evitati duplikazzjoni u rekwiżiti amministrattivi bla bżonn, l-obbligi tar-rappurtar dwar 'l-iskart perikoluż' u 'skart ieħor' għandhom jitneħħew mid-Deċiżjoni 94/741/KE. Barra minn hekk, it-terminu 'skart domestiku' jitbiddel bit-terminu 'skart tad-djar u simili' sabiex id-Deċiżjoni 94/741/KE ssir koerenti mar-Regolament (KE) Nru 2150/2002.

([1]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.
([2]) ĠU L 377, 30.12.1991, p. 20. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).
([3]) ĠU L 296, 17.11.1994, p. 42.
([4]) ĠU L 256, 19.9.1997, p. 13.
([5]) ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 783/2005 (ĠU L 131, 25.5.2005, p. 38).
([6]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

(6) Bl-istess mod, l-obbligu tar-rappurtar dwar l-iskart perikoluż għandu jitneħħa mid-Deċiżjoni 97/622/KE.

(7) Id-Deċiżjonijiet 94/741/KE u 97/622/KE għandhom għalhekk jiġu emendati bl-istess mod.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/12/KE,

ADOTTAT DIN ID-DECIZJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 94/741/KE għandha tiġi emendata kif previst fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 97/622/KE għandha tiġi emendata kif previst fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Emendi għad-Deċiżjoni 94/741/KE u 97/622/KE

A. Fl-Anness tad-Deċiżjoni 94/741/KE, it-tieni kwestjonarju huwa emendat kif ġej:

1. It-titolu tal-kwestjonarju qed jinbidel b'li ġej:

"KWESTJONARJU

għar-rapport ta' l-Istati Membri dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/12/KEE";

2. Il punt 4 tat-Taqsima II tal-kwestjonarju qed jinbidel b'li ġej:

"4. Skond l-Artikolu 7(1), jekk jogħġbok agħti d-dettalji li ġejjin, fejn jeżistu, billi tindika jekk xi wħud minn dawn il-figuri mogħtija humiex stimi:

	L-iskart tad-djar u simili (tunnellati/sena)
Total ta' l-iskart iġġenerat (*) li minnu:	
riċiklat (*)	
inċinerat (*)	
inċinerat b'irkupru ta' enerġija (*)	
mormi f'miżbla artifiċjali (*):	
oħrajn, jekk jogħġbok speċifika (*):	

(*) Fl-Istat Membru"

B. Fl-Anness tad-Deċiżjoni 97/622/KE, il-punt 11 (d) f'Taqsima II ta' l-ewwel kwestjonarju tneħħa.